DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/4/2014

tal-24 ta' Lulju 2014

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex ikun hemm kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni Atalanta/1/2014

(2014/500/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") sabiex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ('Kmandant tal-Forza tal-UE').

(2) Fit-18 ta' Marzu 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni Atalanta/1/2014 ([2]) li taħtar il-Viċi Ammirall (LH) Jürgen zur MÜHLEN bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Viċi Ammirall Guido RANDO bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE li jkun is-suċċessur tal-Viċi Ammirall (LH) Jürgen zur MÜHLEN.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Id-Deċiżjoni Atalanta/1/2014 għandha għalhekk titħassar.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Guido RANDO huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mis-6 ta' Awwissu 2014.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni Atalanta/1/2014 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/1/2014 tat-18 ta' Marzu 2014 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex ikun hemm kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni Atalanta/3/2013 (ĠU L 85, 21.3.2014, p. 8).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Awwissu 2014.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS